MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 87/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Abela**
**u**
***... omissis ...***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Abela talli nhar-il 5 ta' Jannar, gewwa Hal Ghaxaq volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, fuq vettura gamla Daihatsu ta' kulur abjad, bin-numru tar-registrazzjoni DBC- 453, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira (Lm500) izda aktar minn hamsin lira (Lm50) ghad-detriment ta' John Refalo;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra persuni sabiex jingurjahom jew idejjaq jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darrab jew sawwat, hedded b'gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddab jew qabad armi ohra kontra n-nies; u

Talli sar recidiv b'sentenza li saret definittiva nhar l-1 ta' Lulju, 1997, Hall 12;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-24 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, lill-imsemmi Paul Abela ikkundannatu ghal piena ta' tmien (8) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-5 ta’ April 2004 ta’ l-imsemmi Paul Abela li permezz tieghu talab bir-rispett li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni jew htija jew alternattivament tinfliggi piena alternattiva ghal dik karcerarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. David Camilleri ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell l-appellant qieghed igib 'il quddiem hames aggravji: (1) li s-sentenza hija nulla peress li l-ewwel Qorti ma ddikjaratx jekk sabitx lill-appellant hati u ta' x'hiex sabitu hati; (2) ma tresqitx l-ahjar prova dwar il-valur tal-hsara li sofriet il-vettura in kwistjoni; (3) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi; (4) jekk ghandu jirrizulta li kien l-appellant li kkommetta l-hsara, huwa applikabbli l-proviso ta' l-artikolu 325 tal-Kap 9; (5) il-piena nflitta hi fi kwalunkwe kaz eccessiva.

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant jikkontendi li s-sentenza appellata hija nulla peress li fiha

la hemm dikjarazzjoni ta' htija u lanqas ta' x'hiex l-ewwel Qorti sabitu hati.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija kkonkludiet billi qalet li *"l hekk imsejha konfuzjoni tax-xhieda timmilita favur il-htija ta' l-akkuzat li ghalkemm jammetti daqqiet fuq is-saqaf tal-vettura, pero` donnu jibqa' meraviljat kif din spiccat bil-windscreen imkisser"* u wara li ndikat l-artikoli relevanti ghaddiet biex timponi l-piena. Huwa ghalhekk evidenti li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma qalitx ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant (allura imputat) hati. Mhuwiex bizzejjed li wiehed jista' jargumenta ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati mill-motivazzjoni tas-sentenza[1]. Din il-Qorti tosserva wkoll li anke meta gew citati l-artikoli relevanti, u specifikatament l-artikolu 339, l-ewwel Qorti ma qalitx ta' liema mill-paragrafi taht is-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu kienet qed tirreferi[2]. Dan kollu jhalli s-sentenza appellata difettuza minn rekwiziti essenzjali u ghalhekk jirrendi s-sentenza nulla. Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellant permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu u qed thassar u tannulla s-sentenza appellata u, a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid fuq il-mertu. Konsegwentement ukoll qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet aggravju, cioe` dak li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti.

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fil-5 ta' Jannar 1998 ghall-habta tas-2.00 p.m. fi proprjeta` ta' l-appellant f'Hal-

---

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Anthony Galea**, 1 ta' Marzu 1952 (Vol. XXXVI.iv.716).

[2] L-ewwel Qorti rreferiet ukoll ghall-artikolu 9 tal-Kap 9 li jittratta dwar ir-rekluzjoni u li evidentement gie ndikat erronejament peress li r-reati addebitati lill-appellant ma jipprovdux ghal piena ta' rekluzjoni.

Ghaxaq bejn l-istess appellant u certu Adal Mohamed Sawi[3]. Waqt dan l-incident garrbet hsarat il-vettura Daihatsu Charade numru DBC-453 proprjeta` ta' John Refalo. Prezenti kien hemm Naser Ben Harshi, El-Lid El Huweidi u Tania Abela. Il-karrozza kienet mikrija lil El Huweidi li dakinhar kien mar ghand l-appellant biex jara l-karrozza tieghu proprja.

El Huweidi xehed li dakinhar ipparkja d-Daihastu fil-garaxx ta' l-appellant u mar jara l-karrozza tieghu. Ra lill-appellant u lil Sawi jiggieldu ezatt hdejn id-Daihatsu, jghajtu u jxejru idejhom. Mar jigri minn wara hdejn il-karrozza u jara l-*windscreen* miksura. Billi kien fuq wara ma ra lil hadd isabbat idejh fuq il-karrozza. Jekk kellhom xi haga f'idejhom hu ma ra xejn.

Harshi xehed li l-ewwel darba li mar ghand l-appellant kien dakinhar ta' l-incident meta mar ma' El Huweidi. Meta nqalghet il-glieda, ra kemm lill-appellant kif ukoll lil Sawi jsabbtu fuq il-karrozza. Lill-appellant rah jaghti daqqa fuq il-*windscreen* tal-karrozza u lil Sawi fuq in-naha l-ohra tal-karrozza. Ma sema' lil hadd minnhom jhedded jew jghid xi kliem baxx bejniethom.

Fl-istqarrija li l-appellant ghamel lill-Pulizija fid-29 ta' Jannar 1998 (Dok. MSC3 a fol. 42 u 43), qal li dakinhar ra tnejn min-nies jargumentaw ma' Sawi u mill-ewwel mar jghidilhom biex id-Daihatsu li kienu qed jargumentaw fuqha jnehhuha minn hemm. Kellimhom bil-herra u teptep tnejn fuq is-saqaf tal-karrozza. Regghu bdew jikkustinjaw, Sawi gibdu mill-flok u hu tefghu 'l barra mill-ghalqa tieghu. Dak il-hin l-appellant jghid li qabad travett u qalilhom illi jekk ma jitilqux ikisser il-karrozza. Fil-fatt qabdu u telqu 'l barra. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li xi hadd mit-tlett irgiel imsemmija qabad hadida ghalih u hu qabad travett, qallhom biex inehhu l-karrozza, lil Sawi tefghu 'l barra u qallu li mhux suppost jidhol hemm u ta daqqa fuq is-saqaf tal-karrozza li nkisritilha l-*windscreen*. Kif inkisret il-*windscreen* pero` qal li ma jafx. Qal li hu ta fuq wara tal-karrozza. Spjega li tefa' lil Sawi 'l barra billi mbuttah.

---

[3] Adal Mohamed Sawi gie originalment akkuzat flimkien ma' l-appellant izda fil-21 ta' Mejju 1999 saret separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tieghu u nghatat sentenza.

Josephine Abela, mart l-appellant, tghid li hi kienet qed tahsel il-hwejjeg fuq il-bejt u semghet l-ghajjat. Harget tittawwal u rat lil zewgha jghid lin-nies li kienu dahlu gol-ghalqa biex jaqilghu l-magna tal-karrozza. Hija mbaghad kompliet fuq xogholha. Daqqiet fuq xi karrozza ma semghetx.

Tania Abela, bint l-appellant, xehdet li l-incident ratu kollu u fl-ebda hin ma rat il-karrozza in kwistjoni titkisser jew xi hadd javvicina lil xi hadd jew ixejjer idejh. Hadd ma kien hdejn il-karozza li tkissret u la semghet daqqiet u lanqas hsejjes ta' tkissir.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li x-xiehda ta' Josephine Abela ma taghti l-ebda hjiel ta' x'seta' gara jew ma garax, ix-xiehda ta' Tania Abela mhijiex attendibbli. Ghalkemm tghid li rat l-incident kollu, tiddikjara li kull ma semghet lill-appellant missierha jghid kien li qal lil dawk in-nies biex johorgulu minn hemm u la rat jew semghet tkissir u lanqas ma rat tixjir ta' idejn. Dan jikkontrasta ma' dak li l-appellant stess stqarr mal-Pulizija u xehed quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant jammetti li kellem lill-persuni l-ohra bil-herra u sahansitra tefa' lil Sawi 'l barra billi mbuttah u anke qabad travett f'idejh. Dan huwa kollu agir ta' bniedem irrabjat u mhuwiex ghalhekk verosimili li seta' semplicement "taptap" fuq il-karrozza. Imbaghad hemm ix-xiehda ta' Naser Ben Harshi li m'ghandux ghalfejn ma jitwemminx meta qal, wara li wera certa riluttanza, li kien proprju l-appellant li kisser il-*windscreen*, u anke spjega ghaliex kien hekk riluttanti li jixhed kontra l-appellant.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel tliet imputazzjonijiet jirrizultaw debitament pruvati kontra l-appellant.

Kwantu ghall-valur tal-hsara fil-karrozza msemmija, l-appellant ighid skond it-tieni aggravju tieghu li ma tressqitx l-ahjar prova f'dan ir-rigward. Ighid li ghalkemm sid il-vettura xehed darbtejn f'dawn il-proceduri, qatt ma esebixxa rcevuti tal-hsara. Issa, John Refalo xehed fl-20 ta' Marzu 1998 li l-valur tal-hsara *"kien xi Lm150"*. Fis-

seduta tat-12 ta' Frar 1999 imbaghad xehed li *"l-hsarat jammontaw ghal mija u hamsin liri Maltin (Lm150) u jikkonsistu fix-xiri tal-windscreen stante li l-hsara kienet fil-windscreen [li] kienet maqsuma, il-qlugh tal-istess windscreen u t-tqeghid tal-istess windscreen u x-xiri tal-kolla biex tehel il-windscreen"*. Ghalkemm ipprometta li jgib l-ircevuti relattivi, dan baqa' m'ghamlux. Ciononostante din il-Qorti ezaminat ir-ritratti (Dok. MSC, MSC1 u MSC2 a fol. 41) u, meta wiehed iqis in-natura tal-hsara li tirrizulta minn dawn ir-ritratti, il-mudell ta' karrozza in kwistjoni u x-xoghol rikjest ghall-qlugh tal-windscreen imkisser u tqeghid tal-windscreen gdid, hi tal-fehma li l-prezz ta' mija u hamsin liri (Lm150) huwa wiehed gust u realistiku.

Imbaghad skond ir-raba' aggravju ta' l-appellant, huwa l-kaz li jigi applikat il-proviso ta' l-artikolu 325 tal-Kap 9 stante illi jirrizulta illi jekk se mai l-appellant ikkawza l-hsara, dan ikkawzaha taht provokazzjoni ngusta. Ighid li l-argument li nqala' bejn l-appellant u Sawi kien provokat minn Sawi meta dan qabad u dahal fil-proprjeta` ta' l-appellant sabiex hu u l-persuni l-ohra li kienu mieghu jaqilghu magna li kienet imwahhla go karrozza.

Mix-xiehda ta' l-appellant stess jidher li bejnu u Sawi kien hemm relazzjoni ta' xoghol. Hu jghid li Sawi kien *"mhux impjegat biss anke dak li naqilghu naqsmu. U kien mechanic"*. Pero` bejniethom beda johrog l-inkwiet peress li Sawi kien jghidlu li ser imur igib ix-xoghol u qatt ma gab xoghol. Dakinhar ta' l-incident in kwistjoni l-incident inqala' ghax Sawi qabad u mar fil-proprjeta` tieghu mat-tnejn min-nies li diga` ssemmew, cioe` El Huweidi u Harshi, meta, dejjem skond ma xehed l-appellant, kien qallu qabel li jekk ikun ser imur ghandu l-ewwel icempillu. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija fil-fatt, ghall-mistoqsija jekk kien giex f'argument ma' Sawi, wiegeb: *"Iva, ghax gab xi nies minghajr permess"*. Hawn il-Qorti se ticcita *in extenso* mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Marzu 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Agius** li l-appellant stess ghamel riferenza ghaliha fir-rikors ta' appell tieghu:

"Il-piena ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali hi ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. L-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 325 jipprovdi li 'meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta' l-piena ta' prigunerija tkun ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena msemmija. It-tieni proviso jghid: 'Meta tigi biex titqies l-iskuza, ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235', li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni (ingusta) li ghaliha jirreferi l-artikolu 325 mhix limitata jew arginata b'xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 jew 230 tal-Kodici Kriminali; l-uniku kriterju li l-legislatur ghazel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak ga` msemmi, cjoe` ta' l-artikolu 235. Il-gurista Francesco Antolisei, in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan jghid hekk:

'La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tali fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio` l'attenuante dovra` ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita` esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc.). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto' (Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale - Parte Generale**, Giuffre` (Milano), 1989, pp. 394 - 395);

… Il-provokazzjoni ingusta kkontemplata fl-artikolu 325 trid tkun oggettivament riskontrabbli."

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li r-relazzjoni bejn l-appellant u Sawi kienet intemmet. Kif jindika l-istess appellant, huwa kellu wkoll kreditu kontra Sawi u dan hu anke korroborat minn Harshi li xehed li dak il-hin ta' l-incident l-appellant kien irrabjat, kif fehem hu, minhabba

Sawi li kellu jhallsu xi flus. U meta sehh l-incident jidher li Sawi kien jinsab fil-proprjeta` ta' l-appellant. L-incident inqala' meta tfaccaw El Huweidi u Harshi, ta' l-ewwel li kellu l-karrozza tieghu proprja ghand l-appellant ghat-tiswija. Ghalhekk huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-problemi li seta' kien hemm bejn l-appellant u Sawi. Inoltre jidher li huma kienu marru ghand l-appellant biex jaqilghu l-magna tal-karrozza ta' El Huweidi stess. Dan kollu ma jistax jikkwalifika oggettivament bhala provokazzjoni ingusta fis-sens hawn fuq spjegat u ghalhekk dan ir-raba' aggravju hu michud.

L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …."*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna*

*kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva. U l-fedina penali ma tikkostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Konsegwentement l-akkuza dwar ir-recidiva ma tirrizultax.

Dwar il-piena l-appellant jissottometti li ghalkemm il-fedina penali tieghu mhijiex wahda netta, in-nuqqasijiet tieghu huma relattivament zghar u qatt ma kienu ta' entita` li verament jimmeritaw piena karcerarja. Jissottometti li huwa sufficjenti ghas-socjeta` li huwa jinghata piena alternattiva li, filwaqt illi turi illi l-agir tieghu huwa wiehed serju u mhux ta' min jittollera, fl-istess hin m'ghandhiex tkun wahda ristrettiva tal-liberta` tieghu.

Effettivament din il-Qorti tqis l-agir ta' l-appellant wiehed serju peress li dak li johrog mill-provi f'din il-kawza huwa li l-appellant huwa bniedem temperamentali li malajr "taqbizlu". Dan huwa anke rispekkjat minn numru ta' kazijiet li jidher li kellu quddiem il-Qrati taghna kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata esebita f'dawn l-atti u mnejn jidher li diga` nghata opportunitajiet mill-Qrati taghna biex ihares il-kondotta tieghu.  L-appellant irid jifhem darba ghal dejjem li atti ta' vjolenza ma jistghux jigu tollerati f'socjeta` civili.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi, wara li tannulla s-sentenza appellata ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tiddeciedi l-kawza mill-gdid fil-mertu billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tar-raba' imputazzjoni u minnha tilliberah, izda ssibu hati ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 325(b), 339(b)(d) u 17(d) tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' hames xhur bit-tnaqqis taz-zmien li seta' ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------